# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-17 ta' Marzu 2016

Talba Numru: 794/2013

Numru fuq il-Lista: 3

**Casa d'Arte Limited**
**(C8126)**

**vs.**

**Emmanuel Mercieca**
**K.I. 105378 (M)**

It-**Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€2045) premess illi:

1. Is-soċjeta` attriċi kkonsenjat kċina tat-tip tropical veneered oak finish lill-intimat u dan ai termini tal-kuntratt tal-bejgħ iffirmat bejn il-partijiet datat l-24 ta' Mejju 2012.

2. Minkejja l-fatt li l-intimat ġie nterpellat diversi drabi mis- soċjeta` attriċi sabiex iħallas il-bilanċ ta' prezz li għadu dovut fuq l-imsemmija kċina, dana baqa' inadempjenti u ma ħallasx u b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas l-iskont mogħti lill-intimat mis-soċjeta` attriċi (cioe l-iSpecial Cash Discount) fl-ammont ta' Eur1107 kif elenkat fl-invoice bin-numru INV001199 intilef, u dan ai termini tal-artikolu 12 tal-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt ta' bejgħ pattwit bejn il-partijiet.

3. Illi s- soċjeta` attriċi interpellat lill-intimat għall-ħlas tal-bilanċ dovut fl-ammont ta' EUR2045, liema ammont huwa ċert, likwidu u għalaq, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu 2013 bin-numru 1875/2013 iċda l-intimat baqa' inadempjenti u ma ħallasx.

4. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Is- soċjeta`attriċi titlob bir-rispett dan it-Tribunal:

1. Jiddikjara lill-intimat responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' EUR2045 rappreżentanti bilanċ li għadu dovut fuq kċina kkonsenjatha lill-intimat;

2. Jikkundanna lill-intimat iħallas lis- soċjeta` attriċi l-ammont ta' EUR2045 rappreżentanti bilanċ li għadu dovut fuq kċina kkonsenjatha lill-intimat;

Bl-ispejjeż, inkluż dak tal-ittra uffiċjali ta' 8 ta' Awwissu 2013 u dak tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontr l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat ippreżenta r-risposta tiegħu fl-4 ta' Frar 2014 illi permezz tagħha huwa eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan inter alia minħabba r-raġunijiet li jsegwu.

2. Illi l-kċina supplita minn Casa d'Arte Limited ma nħadmitx skond l-arti u s-sengħa u ma hijiex ta' livell aċċettabbli;

3. Illi l-kċina supplita min Casa d'Arte Limited ma hijiex kollha tat-tip tropical veneered oak finish kif ordnat mill-esponent;

4. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-ammont reklamat mill-istess soċjeta` attriċi hu altament eċċessiv u ma jirriflettix il-prezz miftiehem bejn is- soċjeta` attriċi u l-esponent u għalhekk dan l-ammont reklamat m'huwiex dovut;

5. Illi l-kċina ġiet supplita tardivament u cioe xhur twal wara ż-żmien miftiehem.

Salvi, jekk ikun il-każ, risposti, ossia eċċezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra d-digriet tas-26 t'Awwissu 2014 illi permezz tiegħu innomina lis-sur Vincent Ciliberti bħala Perit Tekniku sabiex jirrelata ai termini tal-verbal tal-10 ta' Lulju 2014 u cioe:

1) Dwar jekk il-kċina supplita lill-konvenut hijiex l-istess bħall-mudell li ra fix-showroom tas-soċjeta` attriċi u tal-materjal skont is-sample li wrew lilu.
2) Dwar id-diskrepanzi li rriżultaw bejn il-qafas tal-kċina u l-ħitan u l-kxaxen tal-istess kċina suppliti lill-konvenut humiex riżultat t'effetti naturali jew jekk humiex riżultat ta' nuqqas ta' sengħa u arti.

Ra r-rapport tal-istess Perit Tekniku (fol. 72 et. seq.) u sema' wkoll l-eskussjoni tiegħu da parti tal-konvenut.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensur tas- soċjeta` attriċi li ġiet ukoll traskritta.

Ra l-verbal tal-11 ta' Frar 2016 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

Ra illi fil-mori tad-differiment il-konvenut ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, liema nota ġiet ikkonsidrata wkoll minn dan it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet**

Is-soċjeta` attriċi permezz ta' din l-azzjoni qiegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-kċina li hija kkonsenjat lill-konvenut. Titlob ukoll li l-konvenut iħallasha l-ispecial cash discount li kien ingħata, u dana peress li huwa kien tardiv fil-ħlas.

Il-konvenut jgħid li m'għandux iħallas l-ammont minnu pretiż għaliex il-kċina ma saritx skond is-sengħa u l-arti, għax waslitlu tard, u għax ma kinitx skont dak illi ġie miftiehem.

Mir-rapport tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti jirriżulta li dana kkonkluda li il-kċina maħduma mis- soċjeta` attriċi "altru milli jlaħħqu l-livell rikjest" u li x-xogħol sar skont l-arti u s-sengħa. Ikkonferma li l-materjal użat huwa l-istess mal-kċina kollha u cioe *oak veneering* (ballut).

Dwar id-differenzi fid-dehra bejn il-bibien tal-kċina u l-ġnub huwa kkonkluda "d-differenza viżwali bejn l-uċuh tal-bibien u kxaxen, u l-ġemb hija biss dovuta għad-differenza fid-distanzi tal-vini, fejn fuq bibieb u kxaxen, il-vini huma aktar spissi w mhux miftuħa bħal gemb, altrimenti, l-materjal użat huwa tal-istess ballut"

Rigward il-kċina jekk kinitx skont dak miftiehem, il-Perit Tekniku ma setax jara l-kċina tax-showroom stante li din effettivament kienet tneħħiet sal-ġurnata li fih sar l-aċċess. Pero` dwar l-allegazzjoni li l-konvenut ordna kċina tat-*tropical veneered oak* u effettivament irċieva kċina li parzjalment kienet tal-*engineered oak* il-Perit Tekniku ħass li jekk kien hemm din id-differenza, ma għamlitlu l-ebda effett fuq l-opinjoni tiegħu li l-kċina kienet saret skond is-sengħa u l-arti.

It-Tribunal ikkonsidra wkoll li sewwasew kif jirrileva l-konvenut, huwa effettivament m'huwiex marbut ma' dak konkluż mill-Perit Tekniku, iżda fil-każ odjern, fil-fehma tat-Tribunal m'hemm l-ebda raġuni valida għaliex ma jserraħx fuq il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku stante li dan għadu jgawdi mill-fiduċja tat-Tribunal.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll illi fl-ordni tal-kċina li tinsab fol. 28 tal-proċess huwa speċifikat li l-kċina kellha "Sides: Veneered Oak with Vertical Vein" u "Doors with Horizontal Closed Vein".

Ikkunsidra wkoll li l-konvenut żamm il-pussess tal-kċina u ma ddepożitahiex taħt l-awtorita` tal-Qorti. Inoltre minkejja li f'Ġunju 2013 is- soċjeta` attriċi infurmatu li ma setgħet tagħmel xejn iktar dwar il-kċina u għalhekk talbitu biex imur iħallas il-bilanċ, huwa la mar iħallas u lanqas ma ressaq xi lment formali dwar il-kċina, jew fittex id-drittijiet tiegħu mad-dipartiment tal-konsumatur. Kellha tkun is-soċjeta` attriċi li tieħu passi biex tfittex l-interessi tagħha. Għaldaqstant hija fehma tat-Tribunal li n-nuqqas

ta' sodisfazzjon tal-konvenut bil-kċina tiegħu m'huwiex wieħed ġenwin imma sempliċiment skuża biex ifarfar mill-obbligi kontrattwali tiegħu.

It-Tribunal huwa tal-fehma li min-naħa tagħha s-soċjeta` attriċi għamlet li setgħet biex tikkuntenta lill-konvenut bħala klijent tagħha anke meta ħasset li ma kellux raġun fl-ilment tiegħu. Iżda dan baqa' mhux sodisfatt.

Rigward id-dewmien fil-konsenja tal-kċina, huwa minnu li din kellha tkun ikkonsenjata f'Ottubru 2012, u kienet effettivament lesta f'Diċembru 2012. Il-proċess tat-tlestija tagħha biex tkun iktar għal qalb il-konvenut dam sa Ġunju 2013. Minkejja dan id-dewmien, il-konvenut ma ressaq ebda provi li effettivament ġarrab xi danni u fil-fatt il-post kien għadu mhux abitabbli almenu sad-data tal-ewwel aċċess fit-28 t'Ottubru 2014 għax kien għadu mingħajr il-provvista tal-elettriku.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement jordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elfejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€2045), bl-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta' Awwissu 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 1875/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata u ta' kwalsiasi mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur